MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## S.T.O. PRIM IMHALLEF

## SILVIO CAMILLERI

## ONOR. IMHALLEF

## GIANNINO CARUANA DEMAJO

## ONOR. IMHALLEF

## NOEL CUSCHIERI

Seduta tat-28 ta' Marzu, 2014

Appell Civili Numru. 63/2008/1

**Rosita Curmi**

***v.***

**Salvina armla ta' Francesco Grima; Teddy Grima; Frankie Grima; u b'digriet tal-24 ta' Lulju 2008 Salvina Grima ġiet nominata kuratur deputat biex tidher għall-imsiefra Mary mart Lawrence Scerri, Victor u Josephine konjuġi Curmi u Paul u Margaret konjuġi Curmi; u b'digriet tat-30 ta' Ottubru 2008 ġew imsejħa fil-kawża Emmanuel u John aħwa Curmi; u b'digriet tal-1 ta' April 2009 Dr Jean Paul Grech ġie nominat kuratur sabiex jirrappreżenta lill-assenti John Curmi**

1. Dan huwa appell ta' wħud mill-konvenuti minn sentenza mogħtija fit-30 ta' Lulju 2010 mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, li laqgħet talba tal-attriċi għal dikjarazzjoni li kuntratt li fih kienu parti l-konvenuti appellanti kien simulat. Hemm ukoll appell inċidentali mill-attriċi minn dik il-parti tas-sentenza li ċaħdet it-talba tagħha għal dikjarazzjoni li kuntratt ieħor, li kienet parti fih konvenuta oħra, kien ukoll simulat.

2. L-attriċi fissret illi b'kuntratt tal-25 ta' Jannar 1988 fl-atti tan-Nutar Paul George Pisani, in-nanniet paterni tagħha, Salvatore u Rosina Curmi,

dehru li bigħu lill-konvenuta Salvina Grima n-nuda proprjetà, waqt li żammew għalihom id-dritt ta' użu u abtazzjoni matul ħajjithom, tan-nofs mhux maqsum tal-fond numru 56, Triq ta' Ċenċ, ta' Sannat, bil-prezz dikjarat ta' elfejn lira ta' Malta (Lm2,000).

3. B'kuntratt ieħor, ukoll fl-atti tan-Nutar Pisani, tat-23 t'Awissu 1988 u korrett b'kuntratt ieħor fl-atti tal-istess nutar fil-15 t'April 1989, l-imsemmi Salvatore Curmi deher li bigħ lill-konvenuti Victor Curmi u Margaret mart Paul Curmi n-nofs l-ieħor tan-nuda proprjetà tal-istess fond bil-prezz dikjarat ta' elfejn lira ta' Malta (Lm2,000) u żamm għalih u għal ibnu Joseph Curmi sakemm dan jibqa' għażeb id-dritt ta' użu u abitazzjoni.

4. L-attriċi tgħid illi dawn il-kuntratti kienu fil-verità donazzjonijiet simulati bħala bejgħ, kif jixhed ukoll il-prezz "ridikolarment [*sic*] baxx" imniżżel fil-kuntratti. Għalhekk l-attriċi, bħala waħda mill-*aventi causa* ta' Salvatore u Rosina Curmi, illum it-tnejn mejta, talbet illi l-qorti:

    5. tgħid illi l-kuntratti fuq imsemmija, għalkemm imsejħa kuntratti ta' bejgħ-u-xiri, kienu simulati u fil-verità kienu maħsuba bħala donazzjonijiet; u

    6. tgħid għalhekk illi dawk il-kuntratti huma kuntratti ta' donazzjoni.

7. Il-konvenuti Victor u Josephine Curmi, Salvina armla ta' Francesco Grima, Teddy Grima u Frank Grima ressqu dawn l-eċċezzjonijiet, li qegħdin jinġiebu hawn *verbatim*:

"1. Preliminarjament in-nuqqas ta' interess guridiku tal-attriċi fil-konfront tal-konvenuta Rosita Curmi u wliedha l-konvenuti aħwa Curmi in kwantu, ukoll jekk jiġi stabbilit li l-atti relattivi huma simulati, l-eċċipjenti Salvina Grima xorta waħda tibqa' legatarja tal-istess kwota indiviża in forza tat-testment fl-atti tan-Nutar Dottor Paul George Pisani tal-15 ta' Settembru 1987 u għalhekk t-talbiet attriċi in kwantu dawn id-diretti kontra l-eċċipjenti Rosita Curmi [*recte,* Salvina Grima] huwa biss eserċizzju akkademiku;

"2. In kwantu din il-kawża hija bbażata fuq id-dritt tal-attriċi għall-eredità tal-mejjet Salvatore Curmi, din il-kawża hija preskritta bid-dekors tal-għaxar (10) snin a tenur tal-artikolu 845 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta). Dan qed jingħad *a fortiori g*ħaliex fil-premessi tar-rikors promutur l-attriċi qiegħda tibbaża t-talbiet tagħha fuq id-dritt tagħha bħala eredi tal-mejjet Carmelo Curmi, wieħed mill-eredi tal-mejjet Salvatore u Rosina konjuġi Curmi;

"3. Illi wkoll in kwantu li din il-kawża hija azzjoni ta' rexxissjoni, ta' obbligazzjoni [*sic*] tal-ħames (5) snin a tenur tal-artikolu 1224 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta);

"4. Illi mhux mogħti lill-attriċi bħala eredi *iure rapresentationis* tal-mejtin Salvatore u Rosina konjuġi Curmi li jattakkaw l-aġir tal-atturi tagħhom *stante* li l werriet jissuċċiedi fid-dmirijiet u obbligi tad-*decujus*. *Semel heres semper heres* u għalhekk illum l-attriċi bħala eredi tal-mejjet missierha Carmelo Curmi li kien aċċetta l-wirt tal-mejtin Salvatore u Rosina konjuġi Curmi jmur kontra l-aġir u jimpunja att tal-awtur tiegħu stess [*sic*]';

"5. Illi fil-mertu, u mingħajr pregudizzju għal premess, l-atti attakkati huwa [*sc.* huma] regolari u għandhom jirċievu s-sanzjoni tal-liġi."

8. Il-konvenuti Paul u Margaret Curmi ressqu dawn l-eċċezzjonijiet li wkoll qegħdin jinġiebu hawn *verbatim*:

"1. Illi preliminarjament *stante* li b'din il-kawża qed jiġu attakkati żewġ kuntrati li saru mill-konjuġi Salvatore u Rosina Curmi u l-attriċi qiegħda taġixxi bħala aventi kawża tagħhom huwa neċessarju li jkunu fil-kawża l-werrieta kollha tal-konjuġi Curmi;

"2. Illi kif spegjat l-istess attriċi … illum il-werrieta tal-konjuġi Curmi huma: John, Emanuel, Paul, Victor, Carmel (mejjet) u Salvina aħwa Curmi;

"3. Illi għalhekk l-ġudizzju mhux integru għax għandhom ikunu parti fil-kawża John u Emanuel aħwa Curmi;

"4. Illi fil-mertu tal-kawża l-eċċipjenti jirrimettu ruħhom għall-provi għal dak li jirrigwarda l-kuntratt tal-25 ta' Jannar 1988 atti Nutar Paul Pisani, li bih il-konjuġi Salvatore u Rosina Curmi bigħu lil binthom il-konvenuta Salvina Grima nofs (½) indiviż tal-lok ta' djar numru

56 Cenc Street, Sannat, bil-*garage* anness u mandra retroposta bil-prezz ta' Lm2000;

"5. Illi għal dak li jirrigwarda ż-żewġ kuntratti u *cioè* dak tat-23 ta' Awissu 1988 kif korrett b'dak tal-15 ta' April 1989 it-tnejn tan-Nutar Paul Pisani, l-eċċipjenti jirrimettu ruħhom għall-provi għal dak li jirrigwarda l-kwart (¼) indiviż tal-fond mibjugħ lil Victor Curmi;

"6. Illi għal dak li jirrigwarda l-kwart (¼) indiviż tal-istess fond trasferit lill-eċċipienti Margaret Curmi għalkemm huwa veru li din ma ħallsitx l-elf lira sehemha mill-prezz dana ma kienx donazzjoni imma kuntratt ta' *datum in soluto* [*recte*, *datio in solutum*] għaliex kien ħlas tas-serviġi li hija kienet ilha tagħmel lil Salvu Curmi għal erba' snin sħaħ. Fil-fatt hija bigħet il-kwart indiviż tagħha lil Victor Curmi xi sentejn wara bil-prezz ta' Lm2000;

"7. Illi għalhekk l-imsemmi kuntratt tat-23 ta' Awissu 1988 atti Nutar Paul Pisani kif korrett b'dak tal-15 ta' April 1989 tal-istess Nutar, għal dak li jirrigwarda l-kwart indiviz (¼) tad-dar 56 Triq Ċenċ, Sannat, bil-*garage* u mandra retroposta trasferit lill-eċċpienti Margaret Curmi, dan ma kienx donazzjoni imma ħlas għas-serviġi minnha resi lil Salvu Curmi għal erba' snin sħaħ liema serviġi kieku kellhu jiġi likwidat il-kumpens dovut għalihom kien ikun aktar mill-valur tal-kwart indiviż tal-fond imsemmi;

"8. Illi meta wieħed jiġi biex jagħti valur tal-parti indiviża mill-fond trasferita lill-konvenuta Margaret Curmi wieħed irid mhux biss jieħu in konsiderazzjoni l-valur tal-proprjetà fil-1988 imma wkoll li dan it-trasferiment kien soġġett għal użu u abitazzjoni kemm tal-istess Salvu Curmi kif ukoll taż-żewġ uliedu Joseph u Anthony li kienu ġuvintur u għadom id-dar;

"9. Illi għalhekk it-talba attriċi għandha tiġi miċħuda sa fejn din tolqot il-kwart (¼) tal-fond mertu tal-kawża trasferit lill-eċċipienti u dana bl-ispejjeż kontra tagħha."

9. Fid-dawl tal-ewwel tliet eċċezzjonijiet tal-konvenuti Paul u Margaret Curmi, b'dikriet tat-30 t'Ottubru 2008 issejħu fil-kawża Emanuel u John aħwa Curmi.

10. Bis-sentenza li minnha sar dan l-appell l-ewwel qorti qatgħet il-kawża billi iddeċidiet hekk:

"1. tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti Victor u Josephine Curmi, Salvina Grima, Teddy Grima u Frank Grima;

"2. tiċħad it-tieni eċċezzjoni tal-istess konvenuti;

"3. tiċħad it-tielet eċċezzjoni tal-istess konvenuti;

“4. tiċħad ir-raba’ eċċezzjoni tal-istess konvenuti;

“5. fil-meritu tiċħad it-talbiet tal-attriċi sa fejn jirreferu għat-trasferiment li sar lil Salvina Grima fil-25 ta’ Jannar 1988 peress li filwaqt li l-attrici qiegħda titlob dikjarazzjoni li dan il-kuntratt hu milqut minn simulazzjoni relattiva għaliex fir-realtà hu donazzjoni, il-qorti tikkonkludi li l-kuntratt fih element oneruż u ta’ liberalità kif spjegat hawn fuq;

“6. tiddikjara li l-ewwel tliet eċċezzjonijiet tal-konvenuti Paul u Margaret Curmi ġew sorvolati bid-dikriet li ngħata fit-30 ta’ Ottubru 2008 u għalhekk tiddikjara li huma eżawriti;

“7. tiċħad il-kumplament tal-eċċezzjonijiet ta’ Paul u Margaret Curmi u Victor u Josephine Curmi u tilqa’ t-talbiet tal-atturi [*recte,* tal-attriċi] in kwantu dawn jirreferu għat-trasferiment li għamel Salvu Curmi lil Paul u Margaret Curmi u Victor u Josephine Curmi permezz tal-kuntratt pubbliku datat 23 ta’ Awwissu 1988.

“Spejjeż tal-attriċi u tal-kuratur Dr Jean Paul Grech għandhom jagħmlu tajjeb għalihom il-konvenuti Paul u Margaret Curmi u Victor u Josephine Curmi, b’dan li l-attriċi għandha tagħmel tajjeb għall-ispejjeż relatati mat-tieni talba peress li fil-fehma tal-qorti din hi xejn għajr ripetizzjoni tal-ewwel talba. Kull parti oħra għandha tagħmel tajjeb għall-ispejjeż rispettivi tagħha.”

11. L-ewwel qorti waslet għal din id-deċiżjoni wara li għamlet dawn il-konsiderazzjonijiet:

“1. Permezz ta’ din il-kawża l-attriċi qiegħda tikkontesta żewġ kuntratti li saru:-

“a. Fil-25 ta’ Jannar 1988 atti Nutar Dr Paul George Pisani u li permezz tiegħu Rosina u Salvu konjuġi Curmi bigħu lil binthom Salvina Grima n-nofs indiviż tal-fond numru 56, Triq Ċenċ, Sannat, Għawdex għall-prezz ta’ Lm2,000;

“b. Fit-23 ta’ Awwissu 1988 atti Nutar Dr Paul George Pisani Salvatore Curmi bigħ ir-rimanenti nofs indiviż tal-fond lil Victor Curmi u Margaret Curmi bil-prezz ta’ Lm2,000 u b’riżerva ta’ dritt ta’ użu u abitazzjoni favur il-bejjigħ u ibnu Joseph Curmi;

“fis-sens li dawn ma kienux bejgħ izda donazzjoni.

“2. Il-fatti huma s-segwenti:-

“i. Salvu u Rosina Curmi kienu miżżewġin.

“ii. Rosina Curmi mietet fid-29 ta’ Diċembru 1991. Fil-15 ta’ Settembru 1987 għamlet testment li permezz tiegħu ħalliet legat lil Salvina Grima li kien jinkludi “… in-nofs (½) indivżz ossija d-drittijiet kollha lilha spettanti fuq il-lok ta’ djar markat bin-numru sitta u ħamsin (56), Cenc Street, Sannat Għawdex *b’garage* miegħu anness u b’mandra retroposta …”. Però ma nnominatx

werrieta u għalhekk il-wirt tagħha hu regolat mil-liġi. It-tfal tagħha huma John, Anthony, Joseph, Victor, Carmel, Emanuel, Paul u Salvina.

“iii. Salvatore miet fl-1 ta’ Ottubru 1992, intestat u għalhekk wirtuh uliedu John, Anthony, Joseph, Victor, Carmel, Emanuel, Paul u Salvina.

“iv. Mit-tfal mietu Joseph, Anthony, u Carmel Curmi.

“v. L-attriċi hi l-werrieta ta’ Carmelo Curmi li miet fit-8 ta’ Diċembru 2005 u ħalliha werrieta tiegħu b’testment li għamel fl-20 ta’ Ottubru 2003 fl-atti tan-Nutar Josianne Cini.

“vi. It-trasferiment li sar lil Salvina Grima fil-25 ta’ Jannar 1988 atti Nutar Dr Paul George Pisani sar meta kienet miżżewġa. Żewġha, Francesco Grima, miet fil-11 ta’ Jannar 2008 u peress li miet intestat wirtuh uliedu Teddy Grima, Frankie Grima u Mary mart Lawrence Scerri.

“vii. Fl-4 ta’ Lulju 1990 ġie pubblikat kuntratt ta’ bejgħ min-Nutar Dr Paul George Pisani u li permezz tiegħu Margaret u Paul konjugi Curmi biegħu lil Victor Curmi: “… kwart (¼) indiviż ossija d-drittijiet kollha lilhom vendituri spettanti tal-lok tad-djar numru sitta u ħamsin (56) Cenc Street, Sannat, Għawdex *b’garage* miegħu anness u mandra retrostanti …”. Bejgħ li sar għall-prezz ta’ Lm1,500. B’hekk iddisponew mis-sehem li akkwistaw mingħand Salvu Curmi bil-kuntratt li sar fit-23 ta’ Awwissu 1988.

“viii. Jirriżulta li l-wirt ta Salvu u Rosina konjuġi Curmi għadu ma nqasamx.

“ix. B’kuntratt ta’ diviżjoni li sar fil-25 ta’ Settembru 1992 fl-atti tan-Nutar Dr Paul George Pisani, il-fond 56, Triq Ċenċ, Sannat, Għawdex inqasam bejn Victor Curmi u Salvina Grima. Il-porzjon li ġiet assenjata lil Victor Curmi fiha kejl ta’ 910.32 metri kwadri, filwaqt li dik assenjata lil Salvina Grima fiha kejl ta’ 362.1 metri kwadri. Fil-kuntratt hemm deskrizzjoni tal-ambjenti li ġew assenjati lil kull parti u annessa mal-kuntratt hemm pjanta.

“x. Permezz ta’ kuntratt datat 19 ta’ Ottubru 2004 atti Nutar Dr Paul George Pisani, Victor u Josephine Curmi bigħu lil Alexander Scicluna dik il-parti tal-fond li ġiet assenjata lilhom bil-kuntratt tal-1992 għall-prezz ta’ Lm110,000.

“xi. Il-perit tekniku Frank Muscat, għamel stima tal-valur tal-proprjetà fis-sena 1988 fl-ammont Lm27,602 (€64,295) wara li ħa in konsiderazzjoni li fuq l-att ingħata d-dritt ta’ użu u abitazzjoni. Fl-istima oriġinali irrelata li fis-sena 1988 il-valur tal-proprjetà kien ta’ Lm13,500 (€31,446).

“xii. Din il-kawża kienet preċeduta minn kawża oħra fl-ismijiet Carmelo Curmi *vs* Victor Curmi *et* (ċitaz. numru 67/1993) deċiża fit-23 ta’ Ottubru 2007. F’dik il-kawża l-awtur tal-attriċi kien qiegħed jitlob ir-rexxissjoni tal-kuntratti fuq imsemmija. B’sentenza li ngħatat fit-23 ta’ Ottubru 2007 il-qorti illiberat lill-konvenuti mill-osservanza tal-

ġudizzju wara li kkonkludiet li l-azzjoni kif proposta ma kenitx legalment konċepibbli. Il-qorti spjegat li ġaladarba Carmelo Curmi ma kienx parti għall-kuntratti ma setax jitlob ir-rexxissjoni tal-kuntratt.

"3. Fil-qosor il-prinċipji rilevanti fir-rigward tas-simulazzjoni huma li:-

"● Is-simulazzjoni hi forma ta' frodi;

"● Prova ta' simulazzjoni tista' ssir b'kull mezz, inkluż bix-xhieda. Min jallega s-simulazzjoni jrid iressaq provi kon-kludenti;

"● Sabiex ikun hemm is-simulazzjoni jrid ikun hemm ix-xjenza tal-partijiet li jkunu jridu joħolqu l-att simulat.

"4. Il-qorti ser tgħaddi biex tikkunsidra l-eċċezzjonijiet li ngħataw mill-konvenuti:-

<u>"(A) Victor u Josephine konjugi Grima, Salvina Grima, Teddy Grima u Frank Grima:-</u>

"(i) L-attriċi m'għandhiex interess ġuridiku għaliex anke kieku l-att li bih akkwistat kien simulat, Salvina Grima xorta hi legatarja tal-kwota indiviża permezz tat-testment li sar fil-15 ta' Settembru 1987 fl-atti tan-Nutar Dr Paul George Pisani.

"Il-qorti ma taqbilx ma' din it-teżi. L-azzjoni tal-attriċi m'hijiex intiża sabiex tiddikjara bħala null jew tannulla l-kuntratt li sar fil-25 ta' Jannar 1988 bejn Salvina Grima u l-ġenituri tagħha. F'dan il-każ m'hijiex tiġi allegata s-simulazzjoni assoluta imma dik relattiva. Is-simulazzjoni li qiegħda tipprospetta l-attriċi hi dik magħrufa bħala relativa, ċjoè meta l-partijiet ikunu riedu jagħmlu kuntratt taħt apparenza ta' ieħor. F'din it-tip ta' simulazzjoni l-iskop hu li tiġi stabbilita r-realtà tal-att u titneħħa l-forma apparenti tiegħu (Volumi XXXIV.ii.666 u XLI.ii.980). Ovvjament kollox jiddependi mill-provi li jitressqu fil-meritu.

"Għalkemm f'testment li għamlet fil-15 ta' Settembru 1987 fl-atti tan-Nutar Dr Paul George Pisani ħalliet lil Salvina Grima b'legat nofs indiviż tal-fond 56, Triq Ċenċ, Sannat, fil-25 ta' Jannar 1988 għamlet kuntratt flimkien ma' żewġha li bih ittrasferiet parti minn dak is-sehem. Il-kuntratt li sar fl-1988 wassal sabiex il-legat jibqa' bla effett irris-pettivament jekk il-kuntratt kienx oneruż jew gratuwitu. Dan hu evidenti in kwantu fid-data tal-mewt ta' Rosina Grima l-proprjetà ma kenitx għadha tifforma parti mill-patrimonju tat-testatriċi.

"Għalhekk l-eċċezzjoni ser tiġi miċħuda.

"(ii) Il-kawża hi preskritta skond l-artikolu 845 tal-Kodiċi Ċivili.

"L-artikolu 845 tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi:-

> ""L-azzjoni biex jintalab wirt, jew legat, jew is-sehem riżervat, sew fis-suċċessjonijiet b'testment kemm ukoll f'dawk *ab intestato*, tispiċċa bl-għeluq ta' għaxar snin mill-ftuħ tas-suċċessjoni."

"Din l-eċċezzjoni hi wkoll mingħajr bażi in kwantu:-

"a. m'hijiex kawża fejn qiegħed jintalab wirt, jew legat jew sehem riżervat;

"b. ma ngħatat l-ebda prova li l-wirt ta' Salvu u Rosina konjuġi Curmi qiegħed fil-pussess esklussiv tal-konvenuti li taw din l-eċċezzjoni. Il-preskrizzjoni kontemplata fl-artikolu 845 tal-Kodiċi Ċivili hi ta' natura akkwiżittiva. … … …

"Għalhekk l-eċċezzjoni ser tiġi miċħuda.

"(iii) L-azzjoni attriċi hi milquta bil-preskrizzjoni ta' ħames snin skond l-artikolu 1224 tal-Kodiċi Ċivili.

"L-Artikolu 1224 tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi:-

> ""F'kull każ ieħor mhux imsemmi fl-aħħar żewġ artikoli qabel dan, il-jedd ta' l-azzjoni ta' rexxissjoni ta' obbligazzjoni jaqa' bil-preskrizzjoni għeluq ħames snin minn dak in-nhar li l-azzjoni tista' titmexxa, bla ma jittieħed qies tal-istat jew tal-kondizzjoni tal-persuni li jkollhom jedd għal din l-azzjoni, bla ħsara ta' kull disposizzjoni oħra ta' dan il-Kodiċi."

"Il-kawża odjerna m'hijiex titlob ir-rexxissjoni tal-kuntratti. Fil-fatt skond l-artikolu 1209: "Bir-rexxissjoni ta' kuntratt, jekk il-liġi ma tiddisponix xort'oħra, il-partijiet jiġu mqiegħda fl-istat li fih kienu qabel il-ftehim".

"Jekk kellhom jintlaqgħu t-talbiet tal-attriċi r-riżultat mhux ser ikun dak kontemplat fl-artikolu 1209 tal-Kodiċi Ċivili, iżda li l-qorti tiddikjara li l-kuntratti kienu ta' donazzjoni u mhux ta' bejgħ. Għalhekk l-att jibqa' validu.

"… … …

"(iv) L-attriċi ma tistax bħala werrieta b'rappreżentazzjoni tal-mejtin Salvatore u Rosina konjuġi Curmi tattakka l-aġir ta' Salvatore u Rosina konjuġi Curmi.

"L-artikolu 801 tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi:-

> ""Ir-rappreżentazzjoni għandha bħala effett li ddaħħal lir-rappreżent-anti fil-lok, fil-grad, u fil-jeddijiet tar-rapprezentati."

"Skond l-artikolu 806 m'hemmx rappreżentazzjoni ta' dawk li huma ħajjin imma biss ta' dawk li huma mejta jew assenti għal żmien twil.

"Carmelo Curmi miet fit-8 ta' Diċembru 2005 u l-werrieta tiegħu hi l-attriċi. Carmelo Curmi hu wieħed minn ulied Salvu u Rosina Curmi, u peress li mietu intestati kien wieħed mill-werrieta tagħhom.

"Għalkemm l-argument tal-konvenuti hu interessanti, il-qorti ma taqbilx. Hekk per eżempju skond l-artikolu 913 tal-Kodiċi Ċivili tfal li jirtu b'testment jew *ab intestato* għandhom "... iġibu fil-massa tal-wirt, fl-interess biss tat-tfal jew dixxendenti l-oħra, li jirtu flimkien magħhom, dak kollu li jkunu ħadu b'donazzjoni mingħand il-mejjet, direttament jew indirettament, meta d-donatur ma jkunx iddispona mod ieħor". (artikolu 913 tal-Kodiċi Ċivili). Filwaqt li d-*decujus* għandu kull dritt li f'ħajtu jagħmel att gratuwitu, min-naħa l-ohra ma jistax jaħrab mill-provvediment tal-liġi sabiex jippreġudika d-drittijiet ta' werrieta tiegħu jew x'uħud minnhom. Alternattivament ikun ifisser li min ikollu interess ikun kostrett jirrinunzja għall-wirt u jitlob is-sehem riżervat. Is-sentenza

<u>John Abela *et vs* Giovanna Abela *et*</u> deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-9 ta' Frar 1971 ittrattat kwistjoni simili, u kkonkludiet li werriet għandu kull dritt li jagħmel kawża għal dikjarazzjoni li l-kuntratt li għamel l-awtur tiegħu hu milqut minn simulazzjoni.

"Għalhekk din l-eċċezzjoni ser tiġi wkoll miċħuda.

"(v) Eċċezzjoni fil-meritu li "l-atti attakkati huma regolari u għandhom jirċievu s-sanzjoni tal-liġi".

"… … …

"Fil-kuntratt li fih:-

- "● Salvina Grima hi l-akkwirenti (25 ta' Jannar 1988 atti Nutar Dr Paul George Pisani) jingħad: "Bil-prezz ta' elfejn lira Maltin (Lm2,000) li l-vendituri jiddikjaraw li diġà rċevew qabel dan l-att u tal-istess iħallulha d-debita riċevuta".
- "● Victor Curmi u martu Josephine Curmi huma l-akkwirenti (23 ta' Awissu 1988 atti Nutar Dr Paul George Pisani), jingħad: "… bil-prezz ta' elfejn lira Matin (Lm2,000) li l-venditur jiddikjara li diġà rċieva qabel dana l-att u tal-istess qed titħalla d-debita riċevuta fuq dan l-istess att".

"Il-qorti ser tgħaddi issa biex tikkunsidra l-kuntratti li saru ma' kull waħda mill-persuni fuq imsemmija:-

"(a) **Salvina Grima** - L-Avukat Dr Anton Refalo kien involut fil-kuntratt ta' Salvina Grima. Igħid li dakinhar li sar il-kuntratt kien prezenti: "Biex ngħaġġlu jien għidt lil Salvina biex tgħaddihom il-flus biex kif jiġi n-nutar niffirmaw il-kuntratt u nitilqu 'l hemm. Niftakar kien hemm ir-raġel ta' Rosina preżenti u dan bigħ *one fourth* (¼) minn sehemu mill-fond. Jiena rajthom igħaddu, lil Salvina Grima tgħaddi l-flus lill-ġenituri tagħha, għoddewhom, somma ta' elfejn lira Maltin (Lm2,000) u sar il-kuntratt … Il-flus tħallsu kienu kontanti tal-prezz … Quddiem in-nutar ma dehru l-ebda flus. Nikkonferma illi l-flus ħadithom il-mara jiġifieri Rosina; ir-raġel ma ha xejn. Kien hemm il-ġenituri ta' Salvina, Salvina u r-raġel tagħha u kont preżenti jiena meta għaddew il-flus, dan żgur." Verżjoni li tikkorabora dak li xehdet Salvina Grima fis-sens li l-ħlas sar qabel ma wasal in-nutar.

"Il-qorti m'għandhiex dubju li bil-kuntratt li sar fl-1988 il-konjuġi Salvu u Rosina Curmi riedu jaġevolaw lil binthom Salvina Grima in kwantu kienet ilha żmien tieħu ħsieb lil Rosina Curmi. Irriżulta kif fit-trasferiment kien involut avukat sabiex presumibilment jagħti parir dwar kif l-aħjar isiru l-affarijiet. Fil-kawża 67/1993 Carmel Curmi kien qiegħed isostni li l-att li sar fil-25 ta' Jannar 1988 kien null għaliex Rosina Curmi ma kenitx mentalment kapaċi li tiddisponi minn ħwejjiġha. Fl-istess kawża kien qal li bla preġudizzju l-att kien simulat *in toto* jew *in parte*. Fil-kawża preżenti l-attriċi qiegħda tibbaża fuq l-asserzjoni li hemm is-simulazzjoni relativa, fis-sens li fir-realtà l-kuntratt tal-25 ta' Jannar 1988 ma kienx bejgħ iżda donazzjoni. Dan ifisser li l-attriċi m'hijiex tallega li Rosina Curmi ma kenitx *compos mentis*, iżda li Salvu u Rosina Curmi kienu flimkien ma' Salvina Grima għamlu kuntratt oneruż

fid-deher meta fir-realtà kienu qegħdin jagħmlu kuntratt gratuwitu. Fil-fatt il-kawża hi mibnija fuq din il-premessa: "… u kif stess jirriżulta mill-prezz ridikolarment baxx imniżżel fil-kuntratti, il-kuntratti fuq imsemmija ma kinux fil-fatt u ma kinux maħsuba li jkunu, kuntratti ta' kompravendita iżda kienu simulati biex jaħbu donazzjoni". Mill-atti jirriżulta li Rosina Curmi kienet tgħix ma' bintha u li fl-1987 Rosina Curmi kienet diġà għamlet testment li fih l-uniku disposizzjoni li għamlet kien legat lil Salvina Grima tas-sehem li kellha fil-fond in kwistjoni "… u dana bi tpattija ta' diversi serviġi, kuri u assistenza resi minn bintha msemmija u bil-kondizzjoni li tibqa' tipprestalha l-kuri, serviġi u assistenzi neċessarji sal-ġurnata tal-mewt tagħha". Jirriżulta wkoll li fl-aħħar snin ta' ħajjitha Rosina Curmi kienet saret għal kollox dipendenti minħabba l-kundizzjoni xejn tajba ta' saħħitha u marret tgħix ma' bintha Salvina sakemm mietet. F'dan ix-xenarju wieħed jifhem li Rosina Curmi riedet taġevola lil bintha. Fin-nota ta' sottomissjonijiet Salvina Grima argumentat li fir-realtà bejn il-konsangwini "... joperaw kundizzjonijiet u fatturi li ma jeżistux meta in-negozju jkun qed isir *in open market*". Dan hu veru però b'daqshekk ma jfissirx li ma jkunux qegħdin jiġu vvantaġġati bi prezz baxx iktar mis-suq. Fih innifsu dan iwassal għal donazzjoni indiretta.

"Mill-provi li tressqu l-qorti ma tistax tasal sabiex tikkonkludi li fuq il-kuntratt tal-25 ta' Jannar 1988 il-partijiet (Salvu u Rosina konjuġi Curmi u Salvina Grima) ma ridux li jseħħ bejgħ. Ċertament li l-oneru tal-prova qiegħed fuq l-attriċi. Fil-każ li qegħda tipprospetta l-attriċi l-proprjetarju jkollu l-intenzjoni univoka li jiddona, intenzjoni li tibqa' moħbija taħt negozju oneruż (il-bejgħ). Għalhekk ikollok żewġ negozji distinti: dak reali (gratuwitu), u dak apparenti (oneruż) li l-partijiet ma jridux.

"Min-naħa l-oħra però wara li qieset ir-rapporti tal-perit tekniku Frank Muscat u dak li xehed in eskussjoni dwar il-valur, hi daqstant ieħor konvinta li fil-prezz ġiet aġevolata: "Dawn il-qrati diġà kellhom okkażjoni jippronunċjaw rwieħhom fis-sens li meta hemm l-isproporzjon bejn il-valuri assenjati u dan f'miżura konsiderevoli jista' jissussisti fl-istess kuntratt l-element ta' onerosità u ta' liberalità u dan ma jġibx in-nullità tal-kuntratt – ikun hemm il-parti oneruża u l-parti li tammonta għal donazzjoni (ara Vincenzo Debono *vs* Nutar Dr V. Gatt *nomine* Vol. XXXVIII-513 u AB *vs* Joseph Mifsud Bonnici *nomine* deċiża minn din il-qorti fis-27 ta' Settembru 1963)". (John Abela *et vs* Giovanna Abela *et* deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-24 ta' Jannar 1986).

"(b) **Victor u Josephine konjuġi Curmi**:- Fil-kuntratt li sar ftit xhur wara dak ta' Salvina Grima ma rriżultax li Rosina Curmi kienet involuta tant li bħala venditur deher biss Salvu Curmi. Il-kuntratt sar fit-23 ta' Awissu 1988 fl-atti tan-Nutar Dr Paul Pisani. F'dan il-każ ma jirriżultax li qabel il-pubblikazzjoni kien sar xi konvenju jew negozjar dwar il-prezz, jew li l-venditur kellu per eżempju bżonn il-flus jew li kien qiegħed il-proprjetà għall-bejgħ.

"Fil-fehma tal-qorti n-nutara, bħala uffiċċjali pubbliċi, għandhom rwol ferm importanti u ma għandhom jippermettu qatt li jintużaw bħala għodda sabiex parti jew il-partijiet jagħmlu affarijiet li mill-bidu jkunu

jidhru li warajhom hemm affarijiet suspettużi. F'każijiet simili ma tridx tkun xi ġenju sabiex tinduna li qegħdin isiru manuvri u maniġġi sabiex tfal jingħataw preferenza fuq oħrajn. Ovvjament ma jfissirx li l-ġenitur m'għandux dritt li jagħti jew iħalli ħwejġu lil min irid, però l-affarijiet għandhom isiru *above board*. Kieku Salvu Curmi għamel testment minflok sar il-kuntratt in kwistjoni, għalkemm il-probabilità hi li xorta kienu jinqalgħu kwistjonijiet, il-kobba ma kenitx tkun imħabbla kif inhi f'dan il-każ.

"Victor Curmi xehed: "L-attur qiegħed ipoġġi fid-dubbju t-trasferiment li saru għaliex, skond hu, il-ġenituri tagħna ppreferew lili u lil ħuti Pawlu u Salvina. Għandi ngħid li konna aħna li konna mmorru nżuruhom ta' sikwit. Rosa għamlet ċertu żmien ma Salvina filwaqt li missieri Salvu għamel ukoll żmien għand hija Pawlu. Aħna ħadna ħsiebhom meta Margaret mart Pawlu kellha bżonn tagħmel xi jiem l-isptar. Għalhekk wieħed jista' jassikura li l-ġenituri tagħna kienu aktar qrib tagħna milli tal-attur". Kliem li għall-qorti jkompli jsaħħah il-fehma tagħha li fir-realtà n-negozju ma kien bejgħ xejn iżda mezz kif uħud mit-tfal u n-nisa tagħhom ingħataw preferenza.

"Il-valuri tal-proprjetà skond l-istimi li għamel il-perit tekniku Frank Muscat huma prova oħra li fir-realtà l-prezz dikjarat fil-kuntratt hu ferm baxx. Dan irrispettivamnt ta' liema stima tiġi kunsidrata, ġaladarba l-perit ippropona tliet stimi differenti. Però f'dan il-każ il-paragun bejn il-prezz dikjarat fil-kuntratt u l-valur skond l-istimi hi pjuttost marġinali meta tqis iċ-ċirkostanzi l-oħra.

"Margaret Curmi kompliet titfa' dell ikrah fuq il-kuntratt li sar fit-23 ta' Awissu 1988 in kwantu:-

"● qalet li kif ġara fil-kaz tagħha u ta' żewġha, Victor u Josephine Curmi ma ħallsux il-prezz li jissemma fil-kuntratt;

"● kienet mart Victor Curmi li ssuġġeriet li minflok isir testment isir kuntratt ta' bejgħ. Spjegat ukoll kif Salvu Curmi ried li jagħmel testment, però Victor u Josephine Curmi riedu li jsir mod ieħor;

"● mix-xhieda tagħha hu evidenti li l-omm, Rosina Curmi, ma kenitx involuta f'dan it-trasferiment. Wara li Margaret Curmi xehdet in kontro-eżami fis-seduta tal-14 ta' Mejju 2004, Victor u Josephine Curmi ppreżentaw *affidavit* fejn qalu li għamlu xi ħames xhur iduru bl-omm. Dan il-fatt ma jfisser xejn, fis-sens li r-realtà tibqa' li Rosina Curmi ma kenitx involuta u li l-kuntratt ta' bejgħ sar sabiex tingħata l-apparenza ta' kuntratt oneruż meta fir-realtà kien donazzjoni.

"Il-qorti tirraġuna li jekk fir-realtà l-partijiet verament riedu jagħmlu kuntratt oneruż, ma kien hemm l-ebda raġuni għalfejn ma għamlux kuntratt li kien juri x'sar fir-realtà. Il-konklużjoni hi waħda, li fil-każ ta' Victor u Josephine Curmi il-kuntratt ta' bejgħ intuża sabiex ma jintweriex li fir-realtà kienu qegħdin jirċievu donazzjoni.

"(B) <u>Paul u Margaret konjugi Curmi</u>:-

"Jibda biex jingħad li l-ewwel tliet eċċezzjonijiet ġew sorvolati in kwantu b'digriet li ngħata fit-30 ta' Ottubru 2008 il-qorti ordnat li jiġu msejħa fil-kawża Emanuel u John aħwa Curmi.

"Fil-meritu d-difiża ta' dawn il-konvenuti hi li għalkemm hu minnu li ma ħallsux il-prezz, madankollu t-trasferiment ma kienx donazzjoni imma kuntratt ta' *datio in solutum* fis-sens li kien ħlas ta' serviġi li Margaret Curmi pprestat lil Salvu Curmi għal erba' (4) snin.

"Fil-kawża 67/1993 Margaret Curmi xehdet:-

> ""Jiena għamilt erba' snin indur bih, lil Salvu Curmi, billi kien ġie joqgħod miegħi. Salvu ġie joqgħod miegħi u żewġi f'Ġunju 1988 u mill-ewwel ried li jagħmilli l-kuntratt li għamilli. Fil-fatt, kif għidt, il-kuntratt sar f'Awissu 1988 tliet xhur wara li kien ġie joqgħod miegħi fejn baqa' sakemm miet. Huwa kien qalli li martu, Rosina, kienet għamlet li riedet bis-sehem tagħha mid-dar u huwa seta jagħmel li jrid b'sehemu."

"Il-qorti m'għandhiex dubju li fir-realtà:-

"i. Rosina Curmi ma kenitx involuta f'dan it-trasferiment;

"ii. m'huwiex minnu li l-kuntratt kien intiż bhala *datio in solutum*. Margaret Curmi stess xehdet li meta sar il-kuntratt Salvu Curmi kien ilu biss tliet xhur igħix magħhom. *Datio in solutum* jippreżumi l-eżistenza ta' dejn, ħaġa li f'dan il-każ ma kienx hemm fid-data tal-pubblikazzjoni tal-kuntratt meta tqis li fi kliem il-konvenuta stess Salvu Curmi mar igħix magħhom f'Ġunju 1988. *Inoltre*, jekk kien *datio in solutum* x'kienet ir-raġuni għalfejn sar att ta' bejgħ? Ma ngħatat l-ebda tweġiba għal din id-domanda. M'huwiex biżżejjed li Margaret Curmi qalet: "Qed niġi mistoqsija mill-qorti x'kienet ir-raġuni għalfejn il-kuntratt igħid illi hu bejgħ, in-negozju, meta aħna ma ħallasniex prezz; inwieġeb jiena fuq din il-kwistjoni diġà xhedt fil-kawża l-oħra u qiegħda nikkonferma dak kollu illi għidt f'dik il-kawża. L-affarijiet ħallejthom f'idejn missier żewġi li kien jismu Saviour Curmi".

"iii. Li ma tħallasx prezz meta fil-kuntratt jingħad li tħallas qabel dakinhar u saħansitra l-prezz baxx dikjarat meta paragunat mal-valur skond l-istima li għamel il-perit tekniku huma fihom infushom prova li t-trasferiment li sar fil-25 ta' Awissu 1988 fir-realtà ma kienx bejgħ iżda donazzjoni. Dan kien kuntratt li sar biss ftit xhur wara dak li sar ma' Salvina Grima, u hu evidenti li kien hemm min mill-aħwa li kien qiegħed jaħseb għal rasu."

12. Minn din is-sentenza appellaw kemm il-konvenuti Victor u Josephine Curmi ["il-Konvenuti Appellanti"] b'rikors tas-17 t'Awissu 2010 u kemm, inċidentalment, l-attriċi fit-tweġiba tagħha tal-15 ta' Settembru 2010. Frankie Grima u Salvina Grima *proprio et nomine* wieġbu kemm għall-

appell ewlieni, fit-13 ta' Settembru 2010, u kemm għall-appell inċidentali, fil-11 ta' Ottubru 2010.

13. Inqisu l-ewwel l-appell tal-Konvenuti Appellanti, li jolqot il-kuntratt tat-23 t'Awissu 1988 kif korrett b'kuntratt ieħor fil-15 t'April 1989, li bih Victor Curmi (l-appellant) u Margaret mart Paul Curmi xtraw nofs mhux maqsum tan-nuda proprjetà.

14. L-ewwel aggravju tal-Konvenuti Appellanti huwa illi l-ewwel qorti kien imissha laqgħet l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni taħt l-art. 845 tal-Kodiċi Ċivili:

> **"845.** (1) L-azzjoni biex jintalab wirt, jew legat, jew is-sehem riżervat, sew fis-suċċessjonijiet b'testment kemm ukoll f'dawk *ab intestato*, tispiċċa bl-għeluq ta' għaxar snin mill-ftuħ tas-suċċessjoni."

15. Il-Konvenuti Appellanti jgħidu hekk:

> "… … … għalkemm verament din m'hijiex kawża fejn qiegħed jintalab wirt, jew legat jew sehem mill-wirt, hija effettivament preordinata għal azzjoni bħal dik. Ġie diversi drabi ritenut li anke meta wieħed iressaq kawża biex jikseb dikjarazzjoni preordinada għal azzjoni definitiva u għalkemm din ma tkunx ġiet inkluża fl-azzjoni ta' aċċertament, il-qorti trid tkun sodisfatta li jkun hemm l-interess meħtieġ anke preordinat għal kawża oħra, u li d-dikjarazzjoni miksuba fil-kawża ta' aċċertament tkun tifforma l-bażi tal-kawża l-oħra li tista' ssir 'il quddiem. … … … Għalhekk għalkemm dina l-azzjoni m'hijiex waħda ta' petizzjoni ta' wirt, jew leġittima, legat jew porzjoni riżervata l-qorti li tkun edotta minn kawża preordinada għal xi waħda minn dawk il-kawżi bħalma hija dik odjerna għandha tindaga jekk l-eventwali kawża hijiex preskritta għaliex f'dak il-każ ikun jonqos fl-attriċi l-interess legali li jippromovi din il-kawża. Azzjoni preordinada għal dik li eventwalment tirriżulta pre-skritta hija waħda unnulatorja [*sic*].
>
> "Illi l-ewwel onorabbli qorti kkonkludiet ukoll dwar il-preskrizzjoni ex artikolu 845 tal-Kodiċi Ċivili li ma ngħatat ebda prova li l-wirt ta' Salvu u Rosina konjuġi Curmi qiegħed fil-pussess esklussiv tal-konvenuti li taw lok għal dina l-eċċezzjoni. Huwa evidenti li għal dak li jirrigwarda l-fondi oġġett tal-kuntratti li qegħdin jiġu impunjati, dawk żgur li qatt ma kienu fil-pussess tal-attriċi sa minn meta sar it-trasferiment oriġinali.

> Imbagħad fil-każ tal-attriċi, l-awtur tagħha, missierha Carmelo Curmi kien irrinunzja għall-wirt tal-ġenituri tiegħu u żamm ferm id-dritt tiegħu għal-leġittima. Għalhekk dan ma seta' qatt kien fil-pussess tal-wirt jew xi parti minnu, wisq inqas l-attriċi, aventi kawża minnu."

16. Qabel xejn għandu jingħad illi ma nġibitx prova illi Carmelo Curmi, missier l-attriċi, kien irrinunzja għall-wirt. Anzi l-konvenuti stess, fosthom il-Konvenuti Appellanti, jistqarru fir-raba' èċċezzjoni tagħhom illi "Carmelo Curmi kien aċċetta l-wirt tal-mejtin Salvatore u Rosina konjuġi Curmi" u għalhekk hawn il-Konvenuti Appellanti qegħdin jikkontradiċu lilhom infushom.

17. Fil-meritu, kif sewwa qalet l-ewwel qorti din il-kawża ma hijiex *petitio hæreditatis* u lanqas ma hija maħsuba biex twitti t-triq għal azzjoni bħal dik. L-attriċi espressament mexxiet b'din l-azzjoni bħala *aventi causa* ta' Salvatore u Rosina Grima, u dan ma ġiex kontestat. Għalhekk l-i*status* tagħha ta' werrieta (aktar preċiżament, werrieta ta' missierha li kien werriet ta' Salvatore u Rosina Grima) ġà huwa stabilit.

18. Kif ukoll osservat l-ewwel qorti, il-wirt ta' Salvatore u Rosina Grima għadu mhux maqsum u għalhekk il-preskrizzjoni taħt l-art. 845 li fuqha jistrieħu l-Konvenuti Appellanti ma tapplikax. Għalhekk, irrispettivament minn min għandu f'idejh il-proprjetà, il-werrieta għandhom interess illi jiġu aċċertati l-assi tal-wirt, kemm *relictum* u kemm *donatum*, u li, konsegwentement, tiġi aċċertata n-natura vera ta' kull aljenazzjoni ta' proprjetà. Dan jirriżulta li hu il-għan tal-azzjoni odjerna.

19. Dan l-aggravju huwa għalhekk miċħud.

20. It-tieni aggravju jolqot l-eċċezzjoni illi l-attriċi ma tistax, bħala *aventi causa* ta' Salvatore u Rosina Curmi, timpunja l-għemil ta' dawn.

21. Qabel xejn għandu jingħad illi l-attriċi ma hijiex qiegħda tfittex illi "timpunja" fis-sens illi tfittex illi jitħassru l-kuntratti iżda biss tikxef il-vera natura tagħhom. Barra minn hekk, għalkemm huwa minnu illi l-*aventi causa* ma jistax jimpunja l-għemil tal-awtur tiegħu, huwa minnu biss safejn l-awtur stess ma setax jimpunja dak l-għemil tiegħu stess. Kemm fil-ġurisprudenza[1] u kemm fid-dottrina[2] huwa stabilit illi parti f'kuntratt tista' titlob dikjarazzjoni li kuntratt huwa simulat.

22. Ladarba għalhekk Salvatore u Rosina Curmi setgħu jipproponu l-azzjoni tallum, ma hemm xejn xi jżomm lill-attriċi bħala *aventi causa* minnhom milli hi wkoll tressaq l-azzjoni.

23. Il-Konvenuti Appellanti jkomplu jgħidu hekk:

> "… anke kieku kellu jiġi ritenut li l-kuntratti impunjati huma simulati fis-sens li jimmaskraw att ta' liberalità, is-simulazzjoni hija relativa, u l-attijiet ta' liberalità għandhom jiftehmu li l-awturi tal-appellanti flimkien mal-att ta' liberalità riedu wkoll jeżentawhom mill-obbligu tal-kollazzjoni ta' kull valur li jirriżulta in eċċess ta' dak dikjarat. Jekk tirriżulta simul-azzjoni tal-valur dikjarat, din m'hijiex ħlief l-intenzjoni tat-testaturi, fir-realtà, li jeżentaw lill-appellanti mill-kollazzjoni ta' kwalunkwe eċċess tal-valur dikjarat."

24. Dan jista' jkun minnu, iżda *se mai* ikollu relevanza f'kawża għal qasma tal-wirt, mhux fil-kawża tallum, illi, kif ġà ngħad, ma hijiex maħsuba biex jintalab jew jinqasam wirt iżda biex jiġi stabilit x'inhija fil-verità n-

---

[1] Ara *e.g.* Carmelo Morana *v.* Nutar Joseph Spiteri *et*, App. Ċiv. 26 ta' Mejju 1952.

[2] Ara *e.g.* Baurdy-Lacantinerie e Barde, *Trattato Teorico-Pratico di Diritto Civile, delle Obbligazioni, Vol. I,* §§ 731 *et seqq.*

natura tal-kuntratti li dwarhom saret il-kawża. Dan l-argument tal-Konvenuti Appellanti jeħtieġ stħarriġ li jmur lil hemm mill-meritu tal-kawża tallum.

25. L-aggravju huwa għalhekk miċħud.

26. Fit-tielet aggravju l-Konvenuti Appellanti jgħidu illi l-kuntratti huma tassew dak li jidhru li huma, u ma humiex simulati. L-argumenti tagħhom huma: illi (a) s-simulazzjoni ma hijiex preżunta u (b) trid tirriżulta minn provi "gravi, preċiżi u konkordanti"; illi (ċ) l-valuri stmati mill-perit tekniku "huma spekulativi u ipotetiċi", ma jqisux ir-relazzjoni bejn il-partijiet u (d) ma jqisux ukoll illi l-bejjigħ żamm l-użu u l-abitazzjoni.

27. Huwa minnu illi l-preżunzjoni hija illi l-kuntratti huma tassew dak li jgħidu li huma, u illi din il-preżunzjoni tingħeleb biss bi provi gravi u univoċi. Madankollu, din il-qorti hija tal-fehma illi l-ewwel qorti għamlet apprezzament tajjeb tal-fatti wara li qieset sew ix-xiehda.

28. Ma jistax ma jingħatax piż dak li stqarret il-konvenuta Margaret mart Paul Curmi fis-sitt eċċezzjoni tagħha: "huwa veru li din [*i.e.* Margaret Curmi] ma ħallsitx l-elf lira sehemha mill-prezz". Tassew illi din l-istqarrija hija dwar is-sehem ta' Margaret Curmi, mhux is-sehem ta' Victor Curmi, il-Konvenut Appellant. Iżda Victor Curmi u Margaret Curmi kisbu sehemhom mill-proprjetà b'kuntratt wieħed, u l-istqarrija ta' Margaret Curmi ma tistax ma titfax "dell ikrah", kif sejħitlu l-ewwel

qorti, fuq in-negozju kollu. Relevanti wkoll illi r-raġuni li tat Margaret Curmi għala ma għaddewx flus – illi l-kuntratt kien maħsub bħala *datio in solutum* talli kienet iddur b'Salvatore Curmi, li kien deher bħala bejjigħ – tgħodd ukoll għal Victor Curmi, ladarba dan u martu xehdu illi kienu għamlu xi ħames xhur iduru b'Rosina mart Salvatore Curmi.

29. Relevanti wkoll ix-xiehda li tat il-konvenuta Margaret Curmi fil-kawża 67/1993[3] meta qalet illi mhux biss hi ma ħallsitx flus għal sehemha iżda lanqas Victor Curmi ma ħareġ flus ħlief għall-ispejjeż tal-kuntratt. Margaret Curmi qalet ukoll illi l-ħsieb ta' Salvatore Curmi kien illi l-proprjetà jħallihielhom b'testment iżda kien fuq inizjattiva tal-Konvenuta Appellanti Josephine Curmi mart Victor illi n-negozju ngħata l-forma ta' bejgħ-u-xiri.

30. Fid-dawl ta' din ix-xiehda din il-qorti ma tarax illi għandha tiddisturba l-apprezzament li għamlet l-ewwel qorti u l-konklużjoni li waslet għaliha, konklużjoni li taqbel magħha din il-qorti wkoll.

31. Dan l-aħħar aggravju tal-Konvenuti Appellanti huwa għalhekk miċħud ukoll.

32. Ngħaddu issa għall-appell inċidentali tal-attriċi. Dan jolqot il-kuntratt l-ieħor, tal-25 ta' Jannar 1988, li bih kisbet sehem mill-proprjetà l-konvenuta Salvina Grima.

---

3 Kopja ta' din ix-xiehda qiegħda *foll*. 67 *et seqq*. tal-proċess tal-kawża tallum.

33. L-ewwel aggravju huwa illi l-ewwel qorti għamlet ħażin meta emmnet lill-istess Salvina Grima u lill-Avukat Anton Refalo meta dawn qalu illi l-flus tal-prezz imsemmi fil-kuntratt fil-fatt għaddew mix-xerrejja lill-bejjigħa.

34. Kif kemm-il darba kellha okkażjoni illi tosserva din il-qorti, l-apprezzament tax-xiehda magħmul minn qorti tal-ewwel grad ma għandux jiġi disturbat minn qorti ta' reviżjoni jekk mhux għal raġunijiet gravi u biex tiġi evitata inġustizzja manifesta. Fil-każ tallum l-ewwel qorti kellha okkażjoni tisma' kemm lill-Avukat Refalo u kemm lill-konvenuta Salvina Grima u dehrilha li kellha temminhom. Kienu dawn il-persuni li setgħu jixhdu dwar jekk għaddewx u kif għaddew flus għax il-ħlas ma sarx quddiem in-nutar, u l-persuni l-oħra interessati – Salvature u Rosina Curmi li, bħala bejjigħa, suppost irċevew il-flus – illum huma mejta. L-argumenti li ressqet l-attriċi – (a) illi l-konvenuta Salvina Curmi f'okkażjoni qalet illi l-elfejn lira (Lm2,000) tal-prezz kellhom jingħataw lil Rosina Curmi biex din tagħtihom għall-Missjoni u f'okkażjoni oħra qalet li għaddiet elf lira (Lm1,000) lil Salvatore u l-elf l-ieħor lil Rosina, u (b) illi l-avukat ma huwiex xhud indipendenti u disinteressat – ma humiex gravi u konvinċenti biżżejjed biex iwasslu lil din il-qorti li tiddisturba l-apprezzament li għamlet l-ewwel qorti.

35. Dan l-ewwel aggravju huwa għalhekk miċħud.

36. Fit-tieni aggravju tagħha l-attriċi tgħid illi "… l-ewwel qorti sostniet li mill-provi li tressqu mill-attriċi ma ġiex sodisfaċentement ippruvat li l-partijiet kontraenti ma ridux li jseħħ il-bejgħ iżda riedu biss li ssir donazzjoni … [għalkemm] ġiet prodotta evidenza konsiderevoli li wriet li f'dan il-każ l-intenzjoni kienet li jsir att gratuwitu ta' donazzjoni u mhux att oneruż ta' bejgħ". Issejjes dan l-aggravju fuq l-argument (a) illi ftit xhur qabel il-kuntratt Rosina Curmi kienet ħalliet il-proprjetà b'legat lil Salvina Curmi, u (b) illi hemm "diskrepanza kbira" bejn kemm tassew tiswa l-proprjetà u l-prezz dikjarat u tikkonkludi illi "t-talba tal-attriċi kellha tintlaqa' peress li ġie ppruvat suffiċjentement li dan il-kuntratt jikkonsisti fir-realtà f'donazzjoni u ma għandu l-ebda element oneruż fih".

37. Mill-ewwel għandu jidher evidenti illi, safejn dan l-aggravju huwa msejjes fuq il-premessa illi l-kuntratt "ma għandu l-ebda element oneruż fih", l-aggravju huwa – fid-dawl ta' dak li ngħad dwar l-ewwel aggravju – ħażin, ladarba din il-qorti taqbel mal-konklużjoni tal-ewwel qorti illi kien hemm ħlas ta' elfejn lira (Lm2,000).

38. Min-naħa l-oħra, iżda, safejn f'dan l-aggravju l-attriċi tgħid illi fil-kuntratt ta' Salvina Grima kien hemm element qawwi ta' donazzjoni l-aggravju huwa ġustifikat. Il-kuntratt ta' Salvina Grima u dak ta' Victor Curmi u Margaret Curmi saru għaż-żewġ nofsijiet tal-istess proprjetà fi żmien ftit xhur minn xulxin u bl-istess prezz. Ma tidhirx ġustifikata l-konklużjoni illi wieħed kien ġenwinament bejgħ-u-xiri u l-ieħor kien

donazzjoni simulata. Il-fatt li tħallas prezz li, iżda, huwa ferm inqas minn kemm tassew tiswa l-proprjetà ma jeskludix li hemm element qawwi u anzi preponderanti ta' donazzjoni.

39. Fil-fatt huwa diffiċli tirrikonċilja d-deċiżjoni tal-ewwel qorti dwar il-kuntratt ta' Salvina mal-konklużjoni tal-istess qorti illi kien hemm "donazzjoni indiretta". Tassew illi l-qorti iċċitat ukoll din is-silta minn sentenza ta' din il-qorti tal-1986:

> ""Dawn il-qrati diġà kellhom okkażjoni jippronunċjaw rwieħhom fis-sens li meta hemm l-isproporzjon bejn il-valuri assenjati u dan f'miżura konsiderevoli jista' jissussisti fl-istess kuntratt l-element ta' onerosità u ta' liberalità u dan ma jġibx in-nullità tal-kuntratt – ikun hemm il-parti oneruża u l-parti li tammonta għal donazzjoni (ara Vincenzo Debono *vs* Nutar Dr V. Gatt *nomine* Vol. XXXVIII-513 u AB *vs* Joseph Mifsud Bonnici *nomine* deċiża minn din il-qorti fis-27 ta' Settembru 1963)". (John Abela *et vs* Giovanna Abela *et* deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-24 ta' Jannar 1986)"

40. Madankollu, hawnhekk it-talba ma hijiex għal dikjarazzjoni ta' nullità tal-kuntratt iżda illi l-kuntratt huwa simulat: donazzjoni moħbija taħt id-dehra ta' bejgħ-u-xiri. Tassew illi l-kuntratt għandu element oneruż iżda l-element preponderanti huwa dak ta' liberalità. It-talba tal-attriċi għalhekk ma kellhiex tiġi miċħuda għalkollox, iżda kellha tintlaqa' fis-sens illi jiġi dikjarat illi l-kuntratt, għalkemm fih element oneruż, huwa fin-natura preponderanti tiegħu kuntratt ta' donazzjoni.

41. Dan l-aggravju huwa għalhekk, f'dan is-sens, milqugħ.

42. It-tielet aggravju jgħid illi l-ewwel qorti qalet ħażin meta tat x'tifhem illi l-ħsieb tassew tal-partijiet kien illi ssir *datio in solutum* mhux donazzjoni. Fil-verità, l-ewwel qorti ma qalitx hekk; li qalet l-ewwel qorti kien dan:

> "F'dan ix-xenarju wieħed jifhem li Rosina Curmi riedet taġevola lil bintha. Fin-nota ta' sottomissjonijiet Salvina Grima argumentat li fir-realtà bejn il-konsangwini "... joperaw kundizzjonijiet u fatturi li ma jeżistux meta in-negozju jkun qed isir *in open market*". Dan hu veru però b'daqshekk ma jfissirx li ma jkunux qegħdin jiġu vvantaġġati bi prezz baxx iktar mis-suq. Fih innifsu dan iwassal għal donazzjoni indiretta."

43. Verament, din is-silta, kif rajna, issaħħaħ dak li ngħad fuq[4], dwar it-tieni aggravju, għax l-ewwel qorti wkoll qalet illi kien hemm "donazzjoni indiretta", iżda l-ewwel qorti ma qalitx illi l-kuntratt jista' jitqies *datio in solutum*. Tassew, ma setax jitqies li kien *datio in solutum* meta ma ngħatatx kwittanza tal-obbligazzjoni li suppost kellha titħallas bl-aljenazzjoni.

44. Dan l-aggravju huwa għalhekk miċħud.

45. L-aħħar aggravju huwa dwar l-ispejjeż. Naturalment, fid-dawl tad-deċiżjoni dwar il-meritu tal-appell inċidentali, l-ispejjeż relativi għat-talba dwar il-kuntratt tal-konvenuta Salvina Grima għandha tħallashom Salvina Grima. L-attriċi iżda qiegħda tappella wkoll mid-deċiżjoni illi l-ispejjeż tat-tieni talba tħallashom hi billi l-ewwel qorti qieset it-tieni talba bħala ripetizzjoni inutli tal-ewwel waħda. Dan l-aggravju l-attriċi tfissru hekk:

---

4 Para. 38, *supra.*

> "… … … l-esponenti ma taqbilx li t-tieni talba tagħha kienet fil-fatt ripetizzjoni tal-ewwel talba. Permezz tal-ewwel talba tagħha l-attriċi talbet dikjarazzjoni li l-kuntratti msemmija li saru taħt parenza ta' komprovendita kenu simulati b'mod relativ filwaqt li fit-tieni talba tagħha l-attriċi talbet b'mod dirett li ż-żewġ kuntratti in atti tan-Nutar Paul George Pisani jiġu dikjarati li kienu jikkonsistu f'kuntratti ta' donazzjoni. Għalhekk, permezz tal-ewwel talba ġie mitlub li jkun hemm dikjarazzjoni ta' simulazzjoni relattiva u fit-tieni talba ġie mitlub li l-att reali jiġi zmaskerati u dikjarat li jikkonsistu f'att ta' donazzjoni."

46. Dan l-aggravju ma huwiex ġustifikat. Din il-qorti, bħall-ewwel waħda, ma tarax xi differenza bejn talba għal dikjarazzjoni li l-kuntratti "kienu simulati u kienu maħsuba biex ikunu, u fil-fatti kienu, kuntratti ta' donazzjoni" u talba għal dikjarazzjoni li "ż-żewġ kuntratti in atti tan-Nutar Paul George Pisani huma kuntratti ta' donazzjoni". It-tieni talba ma tibdel xejn, ħlief illi żżid l-ispejjeż, u setgħet u anzi kien imissha ma saritx.

47. L-ispejjeż tat-tieni talba għandha għalhekk f'kull każ tħallashom l-attriċi.

48. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti hekk tiddisponi mill-appell ewlieni u mill-appell inċidentali:

49. tiċħad l-appell ewlieni tal-konvenuti Victor u Josephine Curmi;

50. tilqa' l-appell inċidentali tal-attriċi Rosita Curmi fejn talbet dikjarazzjoni illi l-kuntratt tal-25 ta' Jannar 1988 fl-atti tan-Nutar Paul George Pisani bejn, min-naħa l-waħda, Salvatore u Rosina

Curmi, u, min-naħa l-oħra, l-istess konvenuta Salvina Grima, kien simulat billi tiddikjara illi, għalkemm kellu element oneruż, dak il-kuntratt kien fin-natura preponderanti tiegħu kuntratt ta' donazzjoni, u f'dan is-sens tirriforma s-sentenza appellata; iżda

51. tiċħad l-istess appell inċidentali relativament għall-ispejjeż tat-tieni talba;

52. tirriforma s-sentenza appellata wkoll dwar l-ispejjeż, u tordna illi l-ispejjeż tat-tieni talba tħallashom l-attriċi u l-ispejjeż l-oħrajn kollha jinqasmu hekk: nofs (½) tħallsu l-konvenuta Salvina Grima u n-nofs l-ieħor (½) iħallsuh flimkien il-konvenuti Victor u Josephine Curmi u Paul u Margaret Curmi; u

53. tordna illi l-ispejjeż tal-appell ewlieni jħallsuhom kollha l-konvenuti appellanti Victor u Josephine Curmi, u l-ispejjeż tal-appell inċidentali jinqasmu hekk: sehem minn ħamsa tħallsu l-attriċi; żewġ ishma minn ħamsa ($^{2}/5$) tħallashom il-konvenuta Salvina Grima; u ż-żewġ ishma l-oħra minn ħamsa ($^{2}/5$) jħallsuhom il-konvenuti Victor u Josephine Curmi.

**< Sentenza Finali >**

----------------------------------TMIEM----------------------------------